MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 618/2002

**Albert u Emma konjugi Mifsud**

**Vs**

**Reuben Scicluna**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm3278 danni mill-konvenuti subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh Birkirkara fit-31 ta' Dicembru 2001 bejn car Fiat Tempra numru BAR 046 misjuqa mill-attur u Honda Prelude numru CBG 676 misjuqa mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm23 ta' ittri u konsulti u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-

imghax minn notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz numru fol 2 sa fol 21 tal-istess atti.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 28 u fol 32 u a fol 46 tal-istess atti kif ukoll l-atti kollha.

Semghet lill-PS201 Sandro Magri u rat id-dokument esebit minn dan ix-xhud (fol 47 sa fol 53 ibid).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Dicembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm3278.00,0 bl-imghax legali mis-26 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tas-16 ta’ Ottubru 2002 u Lm23.00,0 in rigward ittri u konsulti kif specifikat fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------